# L-istatwarja tal-knisja tagħna

## *Statwarji u skulturi li ħadmu xogħlijiet fil-knisja parrokkjali kif ukoll il-benefatturi tagħhom*



F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa dwar min ħadem xogħlijiet artistiċi fil-knisja parrokkjali tagħna. Għalkemm il-knisja hija ta' stil modern u allura m'hemmx lok fejn wieħed jara kwantità kbira ta' opri sagri, xorta waħda hemm opri li tajjeb li nsemmuhom. Forsi ftit huma dawk li jagħtu każ jew jinteressahom minn ħadem jew skolpixxa t-tali opra jew inkella f'liem sena ġiet maħduma.

Ser nagħti ħarsa lejn l-istatwi li jinsabu meqjuma fil-knisja parrokkjali, li għalkemm mhumiex ħafna fin-numru pero tajjeb illi wieħed jagħti ħarsa lejn kif dawn saru u daħlu ġewwa l-knisja parrokkjali.

**L-Istatwa Titulari**

Bla dubju ta' xejn l-iktar biċċa xogħol li tkun għall-qalb il-parruċċani ta' kull parroċċa hija l-istatwa titulari. L-istatwa meqjuma fil-knisja parrokkjali tagħna flimkien mal-pedestall l-antik tagħha huma maħduma mid-ditta ta' Ferdinando Perathoner.



Ferdinando, ġej minn familja kbira ta' skulturi li tmur lura bosta snin. L-istudju jew kif inhu magħruf *bottega* jinsab ġewwa Ortisei fil-provinċja ta' Bolzano, l-Italja. Ġewwa Bolzano wieħed isib bosta skulturi u statwarji. Nazzarda ngħid li Bolzano huwa wieħed mill-iktar postijiet fid-dinja li fih hemm skulturi u statwarji.

L-istatwa titulari tal-parroċċa tagħna nħadmet fl-1960. Il-benefatturi tal-istatwa huma Antonio u Marija Cumbo. F'Malta hawn xogħlijiet oħra maħduma mill-istess ditta fosthom il-*Via Sagra* li nsibu fil-knisja tal-Kappuċċini fil-Furjana, San Ġużepp fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi u San Mikiel fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġwann nsibu l-istatwa titulari tal-Madonna ta' Lourdes li hija identika ħafna tal-istatwa titulari tagħna kif ukoll statwi ta' San Ġużepp, id-Duluri kif ukoll San Franġisk għall-istess knisja ġewwa San Ġwann. F'paġni oħra fi tmiem dan l-artiklu qed nippubblikaw numru ta' ritratti ta' xogħlijiet li l-istess ditta Perathoner ħadmet, kollha xogħlijiet simili ħafna tal-istatwa titulari tagħna.

Matul iż-żmien l-istatwa titulari sarulha bosta xogħlijiet. Inħadmet bradella minn Patri Karm Ferrante O.Carm. filwaqt li fis-snin ta' wara sarulha raġġieri ġodda flimkien ma' sett labtijiet, forċini u sett ta' erbgħa fjuretti.



Fl-1992 ġiet maħduma bradella ġdida għall-istess statwa titulari. Din hija disinn ta' Philip Spiteri, xogħol maħdum fl-injam minn Ġużeppi Gauci filwaqt li l-iskultura hija maħduma mill-iskultur Renzo Gauci. Fost l-iskutura li fih l-bankun tal-istess bradella hemm skulturati erbgħa stemmi kif ukoll tmien qaddisin Karmelitani. L-istess Gauci għandu għal-lokalità tagħna ħadem ukoll l-istatwa tal-anġlu tal-każin tal-banda kif ukoll iddisinja l-kolonna tal-istess statwa kif ukoll xogħlijiet oħra ta' disinji ta' bosta armar li jintrama fil-festa titulari.

Artist ieħor li ta sehemu f'din l-istatwa titulari din id-darba bl-arti tal-induratura huwa Horace Farrugia. Farrugia huwa nduratur famuż li ndura bosta statwi titulari madwar Malta. L-induratura fuq l-istatwa tagħna sar bejn is-sena 1994 u 1995 filwaqt li r-restawr u u ż-żebgħa mill-ġdid tal-karnaġġjon sar minn artist ieħor magħruf li huwa Micheal Camilleri Cauchi. Sadanittant beda' x-xogħol fuq pedestall ġdid għall-istess statwa. Dan ġie maħdum mill-istess Ġużeppi Gauci filwaqt li l-induratura saret ukoll minn Horace Farrugia.

L-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi, li joqgħod ġewwa l-Fgura stess, fl-1999 ħadem sett ta' 4 anġli li jżejnu mhux il-pedestall. Dawn ġew indurati mill-induratur Mario Camilleri Cauchi. Fuq disinn ta' Renzo Gauci fl-2002 ġew imżanżna sett forċini maħduma minn Vanni Bartolo.

## San Ġużepp



L-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fil-knisja parrokkjali hija xogħol tal-istawarju Bormliż Ġużeppi Caruana magħruf il-Marċjoll.

Il-Marċjoll ħadem bosta xogħlijiet artistiċi madwar Malta fosthom l-istatwa ta' Santa Tereża li tinsab fil-Knisja ddedikata lill-istess qaddisa ġewwa Bormla mmexxija mill-patrijiet Karmelitani Skalzi kif ukoll xi xogħlijiet oħra fis-sett tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

Din l-istatwa li tlestiet nhar is-26 ta' Mejju 1956 u ġiet mħallsa mill-familja Galea minn Ħaż Żabbar.



Iktar tard din l-istatwa ġiet mżejna b'żewġ raġġieri tal-fidda kif ukoll bastun u sandli għal San Ġużepp.

Din l-istatwa llum il-ġurnata tintrama ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa tal-istess qaddis iċċelebrata nhar id-19 ta' Marzu fuq il-bradella l-antika tal-istatwa titulari li semmejna iktar 'il fuq li ġiet maħduma minn Patri Karm Ferrante O.Carm kif ukoll fuq il-pedestall li nġieb mingħand id-ditta ta' Ferdinando Perathoner. Fl-1993 din l-istatwa ġiet restawrata mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.

## Kurċifiss ta' Wistin



L-ewwel kurċifiss li ser nagħti tagħrif dwaru huwa dak maħdum minn Wistin Camilleri u li fil-preżent jinsab f' kappella żgħira int u dieħel lejn is-sagristija. Dan il-kurċifiss kien jinsab fil-knisja l-qadima, filwaqt li kif infetħet il-knisja parrokkjali l-ġdida intrama wara l-artal.



Dan il-kurċifiss ġieli ħareġ proċessjonalment f'okkażjonijiet speċjali fosthom fis-sena 2010 fl-okkażjoni tas-sena tal-ġublew u fis-sena 2013 fl-okkażjoni tas-sena tal-fidi.

Wistin Camilleri ħadem ukoll l-ewwel statwa tal-Madonna tal-Karmnu li llum sfortunatment intilfett kif ukoll l-statwa ta' Malta Rebbieħa li fil-jiem tal-festa tintrama fi triq Hompesch.

## L-istatwa ta' Marija Addolorata

Kien fl-1984 meta waslet fil-knisja parrokkjali l-qadima statwa ta' Marija Addolorata maħduma mill-istatwarju l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.



Din l-istatwa saret fuq l-inizzjativa tal-artist stess kif ukoll tas-sinjuri Grezzju Cassar, Louis Gatt u Joseph Mangion li dawn ħallsuha bejniethom u rregalawha lill-parroċċa. Din l-istatwa ġiet restawrata fl-2004 mill-istess artist Camilleri Cauchi.



L-istatwarju Camilleri Cauchi apparti li ħadem dawn it-tliet xogħlijiet imsemijja f'dan l-artiklu ħadem ukoll l-istatwi tal-Madonna tal-Karmnu u San Elija li jiffurmaw parti mill-armar tal-festa titulari.



## Kurċifissi



Kurċifiss ieħor li nsibu huwa dak maħdum mill-Kav. Vincent Apap fl-1989. Dan ġie mwaħħal wara l-artal bħalha parti mill-proġett tal-presbiterju ġdid tal-knisja l-ġdida. Dan il-kurċifiss ma tantx nieżel tajjeb mall-



parruċjani u llum il-ġurnata jinsab imwaħħal mal-faċċata tal-knisja parrokkjali. Dan ġie mwaħħal lejn l-aħħar tas-sena 2001.

Fis-sena 2000 ġie mżanżan kurċifiss ġdid sabiex jeħel wara l-artal, maħdum mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Dan il-kurċifiss jirrappreżenta t-Trinità Qaddisa.

**Referenzi**:
Il-Karmelitani fil-Fgura 1945-1995 miktub minn P.Serafin Abela O.Carm
Ktieb tal-Festa 1992 maħruġ mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura pġ.99
Ktieb tal-Festa 2010 maħruġ mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura pġ.97,99,102
Leħen il-Fgura Lulju/Awissu 2000

Ħajr għar-ritratt ta' Ġużeppi Caruana lis-Sur John Cassar